**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 261/2024 RM**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**HYSEN CADRA**

**Illum, 8 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **HYSEN CADRA** ta' tnejn u erbgħin (42) sena, iben Agron u Bajrame xebba Hysa imwieled l-Albanija nhar it-tletin (30) ta' Ġunju elf disgħa mija u wieħed u tmenin (1981), residenti Daisy Court, Flat 13, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0259631° li ġie akkużat talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), f'xi ħin bejn is-sitta ta' waranofsinhar (18:00) u s-sebgħa ta' filgħaxija (19:00) f'Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar fil-viċinanzi tal-istabbiliment magħruf bħala 'Gelatiamo', u /jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Francios Iannone;**

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaguna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta; **Francois Iannone,** liema offiża ġiet magħmula b'arma regolari u/jew bi strument li jaqta jew iniggeż;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel inġurju jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil- Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hebb kontra l-persuni ta' **Francois Iannone u Simone Lo Giruce** sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispozizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Francios Iannone u Simone Lo Giudce billi jekk jidrilha li huwa xieraq u neċesarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opprtuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali;

F' każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba saabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispozizzjoni tal-artikoli 15A u/jew 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti kienet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-disposizjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi;

F' kaz ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal partijiet leżi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' Novembru 2024 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 15A, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2024 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputata fis-seduta tat-28 ta' April 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi fil-konfront tal-imputat jikkonċernaw inċident li seħħ fit-28 ta' Frar 2024 barra l-istabbiliment bl-isem 'Gelatiamo', qrib il-pjazza prinċipali ta' Buġibba, fejn l-imputat allegatament aggredixxa lil Francois Iannone, il-parti offiża, u tah daqqiet ta' sikkina f'żaqqu.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, huwa stabbilit illi waqt illi Francois Iannone kien qed jixrob fl-istabbiliment bl-isem Gelatiamo, kien hemm persuna, allegatament l-imputat, li kien qed iġib ruħu b'mod aggressiv ma' diversi persuni fl-istabbiliment u ġie mkeċċi 'l barra. Iżda wara ftit ħin, l-istess persuna reġgħet feġġet barra l-istabbiliment u aggredixxa lil Francois Iannone. Din il-verżjoni toħroġ mill-assjem tax-xhieda tal-persuni, inkluż il-vittma, li kienu fl-istabbiliment dak il-ħin.

Francois Iannone xehed illi waqt li kien bil-qiegħda ma' mejda fl-istabbiliment, ġie minn warajh persuna li huwa għaraf bħala l-imputat, Hysen Cadra, li tah daqqa fuq spalltu u qallu li dik il-mejda tiegħu. Hu wieġbu billi qallu biex ma jmissux, iżda qam mill-mejda u mar ippoġġi mal-bank tal-bar. Minn fuq il-mejda seta' jisma' lill-imputat jgħid li t-Taljani huma kollha "*cornuti*" u "*merda*" u billi ħass li kien qed jipprovokah, kien iċċaqlaq minn mal-bar u mar ħdejn il-bieb tal-istabbiliment biex jitkellem ma' Francesco Mancaluso. Stefano Morgante, ħabib ieħor tiegħu li wkoll kien fl-istabbiliment ma' mejda viċin l-imputat u kien sema' dak li kien qed jgħid kontra t-Taljani, ġie ħdejh. L-imputat qam minn mal-mejda, mar ħdejhom u beda jirrepeti l-istess kliem u jipprovokahom. Għalhekk biex jevita lill-imputat, Francesco Iannone reġa' daħal ġewwa u qal lill-barman, Francesco Callari, biex jara kif jagħmel biex is-sitwazzjoni ma tiddeġenerax iżda dak il-ħin l-imputat reġa' avviċinah mal-bar u baqa' jipprovokah. Biex jipprova jikkalma s-sitwazzjoni huwa beda jgħidlu li għandu raġun, iżda l-imputat għola idejh fuqu, f'liema waqt Francesco Callari intervjena u qallu biex jieqaf u biex ma jmissux.

Francois Iannone kompla jispjega li huwa telaq minn mal-bar u mar ħdejn l-entratura tal-istabbiliment fejn hemmhekk seta' jara li Francesco Callari kien ħa lill-imputat fuq

in-naħa ta' wara tal-bar u kien qed jgħajjat miegħu. Dak il-ħin, qamet kommissjoni bejn l-imputat, il-barman u żewġ persuni oħrajn fejn hemmhekk huwa ra lil Francesco Callari jaqbad lill-imputat u jkaxkru barra bis-saħħa biex ikeċċih mill-istabbiliment bis-saħħa. Kif l-imputat telaq minn fuq il-post, huwa kien talab lill-barman biex iċempel lill-Pulizija iżda ma kienx ċempel lill-Pulizija. Beda jgħinu jnaddaf l-affarijiet li kienu waqgħu fil-bar minħabba l-kommossjoni u wara, ħareġ 'il barra fejn kien qed jitkellem ma' Mario Cortisi.

Wara li għadda ftit tal-ħin, Francois Iannone jerġa' jara lill-imputat quddiemu u l-imputat tah daqqa ta' ħarta u imbuttah, u peress li kien max-xifer tal-bankina, hu waqa' u sab ruħu fit-triq. Qal li dak il-ħin ried iqum u jmur għall-imputat iżda kien hemm xi nies li żammewh u wara ftit minuti, ra lill-imputat reġa' ġej għalih u peress li kien għadu rrabjat, mar fuqu wkoll iżda f'daqqa waħda ra li l-imputat kellu f'idejh sikkina li kienet twila madwar 15-il ċentimetru u kellha parti minnha blu. Kif ra s-sikkina huwa resaq lura iżda l-imputat tah daqqtejn biha fil-ġenb tax-xellug ta' żaqqu. Ra l-qmis tiegħu kollu demm iżda dak il-ħin ma kienx ħass ħafna uġigħ. Beda jħoss ħafna uġigħ meta ħaduh bl-ambulanza l-Isptar, fejn kellu jiġi operat bl-urġenza. Xehed illi baqa' jħoss uġigħ permanenti ħdejn il-kustilji speċjalment meta jitla' t-taraġ jew jagħtas jew jisgħol. Muri *still image* Dok. A, huwa għaraf il-persuna li tidher fir-ritratt bħala l-imputat Hysen Cadra.

Il-verżjoni tal-vittma dwar l-imġieba tal-imputat u l-kommossjoni li nqala' fl-istabbiliment 'Gelatiamo' dakinhar, ġiet sorretta pjenament minn Francesco Callari, il-barman, kif ukoll mis-sid tal-istess stabbiliment, Simone Lo Giudice. Dan tal-aħħar xehed illi dakinhar meta seħħ l-inċident fl-istabbiliment tiegħu, kien irċieva telefonata għall-ħabta tal-5pm jew 6pm mingħand klient li kien qallu li Francesco, il-barman tal-istabbiliment, kellu bżonn l-għajnuna għaliex kien waħdu u meta wasal fuq il-post, spjegawlu li kien hemm persuna Albaniża, li kien klient regolari fil-ġelaterija, li kien qed idejjaq lill-klienti l-oħrajn u li Francesco kien keċċih mill-istabbiliment. Meta kien għadu fil-ġelaterija, din il-persuna reġa' ġie lura fl-istabbiliment u beda jinsisti li jerġa' jidħol ġewwa iżda l-klienti li kienu qegħdin ħdejn il-bieb bdew iżommuh milli

jidħol. F'daqqa waħda sema' xi ħaġa minn barra u ra lil klient ieħor, ċertu Francois Iannone, dieħel fl-istabbiliment bid-demm iżda peress li kien ġewwa ma jafx min kien weġġgħu, iżda dak il-ħin huwa ċempel lill-Pulizija. Huwa għaraf il-persuna l-oħra li kien ipprova jidħol fil-ġelaterija iżda ma ħallewhx u li involut fit-taqbida barra l-istabbiliment, bħala l-imputat Hysen Cadra u ra wkoll li kien qed jaħbi xi ħaġa f'idu iżda ma setax jara x'kienet. Żied jgħid ukoll li ftit tal-ħin qabel, qabel l-imputat kien reġa' ġie lura fil-ġelaterija, huwa kien ħareġ biex imur jixtri xi xorb u fit-triq ra l-imputat li kien jidher nervuż, nieżel fid-direzzjoni tal-ġelaterija u għalhekk kien ċempel lil Francesco Callari, il-barman, biex javżah li l-imputat seta' kien ġej lura fl-istabbiliment. Fil-fatt, meta wasal lura fil-ġelaterija, l-imputat kien diġa' laħaq wasal.

Francesco Callari xehed illi dakinhar tal-inċident huwa kien xogħol wara l-bank fil-ġelaterija u kien diversi nies qegħdin jixorbu u kien ra li kien hemm xi ħaġa mhux f'postu bejn żewġ persuni, wieħed minnhom Francois Iannone u l-ieħor l-imputat. Għall-ħabta tat-8.30 p.m. jew id-9.00 p.m., ra lil Francois iqum u joħroġ 'il barra u wara ħareġ ukoll l-imputat, li kien ilu fil-ġelaterija mis-2.30 p.m., Kien hemm ħafna nies barra l-istabbiliment u ra li kien hemm kommossjoni għaddejja u għalhekk huwa ħareġ ukoll u ra li Francois u l-imputat kienu qed jagħtu bl-idejn u f'daqqa u l-ħin ra lil Francois jitgħawweġ u ra wkoll id-demm ħiereġ.

Illi huwa stabbilit konklussivament mill-provi li l-persuna li kien qed jaqla' l-inkwiet ġewwa l-ġelaterija u kien involut f'taqbida ma' Francois Iannone fl-istabbiliment Gelatiamo fit-28 ta' Frar 2024, m'huwa ħadd ħlief l-imputat Hysen Cadra. Dan huwa affermat mix-xhieda li lkoll għarfuh bħala l-imputat odjern iżda fuq kollox, l-imputat waqt l-interrogazzjoni tiegħu fit-3 ta' April 2024, għaraf lilu nnifsu bħala l-persuna li jidher fir-ritratt ZZ1[1] - ritratt li ttieħed mill-filmati ta' ġewwa l-istabbiliment - fejn huwa jidher liebes ħwejjeġ li jikkorrispondu bis-sħiħ mal-ħwejjeġ li ġew elevati mir-residenza tiegħu mill-Pulizija[2]. Dan kollu magħdud jistabblixxi l-presenza tiegħu fuq

[1] Immarkat 'Dok. A', esebit mill-Ispettur Francesco Mizzi fis-17 ta' April 2024.

[2] Il-Pulizija kienu elevaw minn ġewwa r-residenza tal-imputat il-ħwejjeġ li fil-filamat deher liebes dakinhar tal-inċident, liema ħwejjeġ ġew mgħoddija lilhom mill-imputat minn jeddu – evidence bag LC 00149129 – Dok FM6 – ara bodycam footage Dok. FM7 – PS 1364.

il-post tal-inċident b'mod konklussivament. Iktar minn hekk, il-Qorti stess setgħet tagħraf lill-imputat bħala l-persuna li tidher fil-filmati tal-cameras li jaqbdu l-entratura tal-ġelaterija, miexi fuq il-bankina għall-ħabta tas-7.00 p.m. lejn l-istabbiliment fejn kien liebes ħwejjeġ differenti u jidher iħebb għal persuni li kienu fid-daħla tal-istabbiliment. Dan jikkorrispondi mal-verżjoni tal-parti offiża u Simone Lo Giudice li kkonfermaw illi l-imputat iktar tard, wara li kien ġie mkeċċi mill-istabbiliment, reġa' mar lura fuq il-post.

Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq biex jixhdu d-diversi xhieda okulari oħrajn li evidentement kienu fl-istabbiliment dakinhar u raw kif kien qed iġib ruħu l-imputat, u raw ukoll il-kommossjoni li nqalgħet barra fuq il-bankina, tant li wħud minnhom kienu wkoll involuti f'taqbida mal-imputat, minkejja li dawn il-persuni kienu ssemmew b'isimhom minn Francois Iannone fix-xhieda tiegħu u jidhru wkoll fil-filmati tal-camera li ġew esebiti. Madankollu, il-Qorti tosserva illi l-verżjoni ta' Francois Iannone li l-imputat kien qed jaqbad miegħu u jiffastidjah u ħebb għalih, ma ġietx kontradetta minn ebda wieħed mix-xhieda okulari li xehdu. Iktar minn hekk, din il-verżjoni baqgħet mhux kuntrastata minn provi oħrajn, u l-kredibbilita' tal-istess Francois Iannone fir-rigward tal-imġieba fastidjuż tal-imputat u ċ-ċirkostanzi li fihom ħebb għalih għal xejn b'xejn, baqgħet ma ġietx imminata b'ebda mod. Għall-kuntrarju, il-verżjoni tiegħu hija konfortata mill-prova tal-filmati kif ukoll mix-xhieda ta' Simone Lo Giudice u kollox magħdud, il-Qorti sejra tagħti affidabbilita' sħiħa lill-verżjoni tal-istess Francois Iannone.

Fir-rigward tal-prova tal-filmati, il-Qorti eżaminat dawn il-filmati (Dok. FM2)[3] bir-reqqa. Francesco Iannone jidher li qed iżomm għalih ġewwa l-istabbiliment, filwaqt li l-imputat jidher b'mod evidenti li kien il-ħin kollu moħħu fih u fl-irġiel li kienu miegħu – liema rġiel il-Qorti fehmet li kienu l-persuni Taljani li semmihom b'isimhom Francois Iannone fix-xhieda tiegħu - u diversi drabi qam minn fuq il-mejda biex imur ħdejhom fil-bieb tal-istabbliment. Il-filmati esebiti m'humiex kompluti

[3] Francesco Callari kif ukoll Simone Lo Giudice ikkonfermaw li għaddew il-filmati tal-cameras fuq pendrive lill-Pulizija; ara wkoll xhieda Spettur Francesco Mizzi, 12 ta' April 2024.

għaliex m'hemm ebda filmat la ta' ġewwa u lanqas ta' barra l-istabbilment mill-ħin tal-5.30 p.m. sal-ħin tas-7.00 p.m. Tabilħaqq f'din is-siegħa u nofs ċirka jidher li seħħet il-kommossjoni ġewwa l-ġelaterija li ġie deskritt minn Francesco Iannone, fejn l-imputat ġie mkeċċi 'l barra minn Francesco Callari, għaliex xejn minn dan ma jidher fil-filmati li ġew esebiti.

Huwa minnu li l-filmati li juru l-kommossjoni li nqala' bejn l-imputat u Francois Iannone kif ukoll persuni oħrajn qabel l-imputat ġie mkeċċi mill-ġelaterija, u l-filmati li juru lill-imputat jiġi mkeċċi mill-ġelaterija, huma neqsin. Huwa minnu wkoll li x-xhud Francesco Callari kien evażiv ferm u r-retiċenza tiegħu li jiddeskrivi l-mod kif kien qed iġib ruħu l-imputat u dak li kien seħħ quddiem għajnejh, hija evidenti tant illi l-Qorti kellha twiddbu biex iwieġeb kif imiss id-domandi li jsirulu. Madankollu, il-fatt li f'xi stadju, l-imputat telaq mill-ġelaterija huwa affermat minn Simone Lo Giudice, is-sid tal-ġelaterija, li kkonferma li kien ġie infurmat li l-barman kien keċċa lil-imputat għaliex kien qed idejjaq lil klienti oħrajn, u xehed ukoll li meta mar jixtri iktar tard, kien ra lill-imputat nieżel fid-direzzjoni tal-ġelaterija u ra wkoll li kien deher nervuż tant li huwa kien ħass il-ħtieġa li jċempel lill-impjegat tiegħu biex javżah.

Fil-fatt, l-imputat jidher fil-filmat tal-camera fuq il-faċċata tal-istabbiliment għall-ħabta tas-7.00 p.m.[4], miexi bil-herra fuq il-bankina lejn l-istabbiliment u liebes ħwejjeġ differenti minn dawk li kien jidher liebes iktar kmieni ġewwa l-istabbiliment. Jidher sejjer direttament fuq xi persuna li ma tidhirx fil-filmat, liema persuna jidher li ġiet imbottata (iżda l-imbottatura ma tidhrix fil-filmat), u hemmhekk qamet kommossjoni. In segwitu għal dan, xi persuni oħrajn marru jiġru wara l-imputat biex ikeċċuh minn fuq il-post. Francois Iannone ukoll jidher imur wara l-imputat iżda xi persuni oħrajn żammewh lura. Imbagħad, fl-19:03h, Francois Iannone reġa' mar ħdejn il-bieb tal-istabbiliment, fejn minn 19:03h 'il quddiem jidher li seħħet it-taqbida li fiha huwa xehed li ntlaqat b'daqqiet tas-sikkina. Fil-ħin tal-19:08h, il-vittma jidher

[4] Image 4951 at 02m 08s 18:57

dieħel lura fl-istabbiliment iżomm ġenbu fejn jidhru wkoll ċar żewġ daqqiet f'ġenbu bid-demm ħiereġ[5].

Dan kollu jikkombaċċja perfettament mal-verżjoni ta' Francois Iannone fix-xhieda tiegħu, korroborat minn Simone Lo Giudice, fejn iddeskriva kif l-imputat kien qed idejjaq lilu u xi klienti oħrajn fil-ġelaterija, kien qed iġib ruħu b'mod imqanqal, ħebb għalih iktar minn darba, qala' kommossjoni, ġie mkeċċi mill-istabbiliment minħabba l-inkwiet li kien qed jaqla' u in segwitu, reġa' mar lura fil-ġelaterija.

Skont il-verżjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-imputat kien aggressiv meta reġa' mar lura fl-istabbiliment tant illi kif wasal quddiem il-bieb, minnufih ta daqqa ta' ħarta u imbotta lil Francois Iannone u kien ukoll armat b'sikkina. Tabilħaqq jirriżulta illi meta mar lura fil-ġelaterija, l-imputat kien armat b'xi strument f'idejh. Il-presenza tal-istrument hija konfermata wkoll minn Simone Lo Giudice li xehed illi kien ra li l-imputat kien qed jaħbi xi ħaġa f'idu meta reġa' mar fil-ġelaterija wara li kien ġie mkeċċi iżda il-Qorti stess, wara li rat il-filmati, ukoll setgħet tara strument żgħir tal-metall li jidher ileqq f'id l-imputat meta kien barra l-ġelaterija fil-ħin ta' 18:58h wara li reġa' mar fuq il-post u imbotta lil Francois Iannone, kif ukoll fil-19:00h meta kien qed jitkeċċa minn persuni oħrajn li kienu fuq il-post, qabel seħħet it-taqbida li fiha l-vittma allegatament intlaqat b'daqqiet tas-sikkina.

Il-Qorti, wara li kkunsidrat il-fatti li ġew stabbiliti mix-xhieda u l-filmati, tqis li huwa ppruvat konklussivament illi l-imputat, Hysen Cadra, ħebb għal Francois Iannone mingħajr ma jidher li huwa għamel xi ħaġa biex ixewwxu - talanqas fil-ħin rilevanti, ċioe' meta l-imputat mar lura fil-ġelaterija għall-ħabta tas-7.00 p.m. Dan billi imbottah mal-art u in segwitu, meta Francois Iannone irrejaġixxa u mar biex jiġġieled miegħu, tah mill-inqas żewġ daqqiet bi strument ippuntat bil-konsegwenza li kkaġunalu feriti li minħabba fihom kellu jiġi operat bl-urġenza ġewwa l-Isptar.

[5] Image 4950

Għandu jingħad ukoll illi f'dan il-komportament tal-imputat, m'hu riskontrabbli ebda egħmil kwalsiasi li jista' jagħti lok għall-applikazzjoni tal-iskużanti tal-provokazzjoni fit-termini tad-dispożiżżjonijiet tal-artikolu 227 tal-Kodiċi Kriminali u fi kwalsiasi każ, ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li jagħti x'jifhem illi l-imputat kien ġie mqanqal biex jaġixxi b'dan il-mod minħabba xi ħaġa li l-vittma għamel jew qallu.

Fuq kollox, ma jirriżulta minn imkien mill-atti u l-provi proċesswali li l-imputat kien ġie provokat minn Francois Iannone, jew li kien il-parti offiża li ħebb għall-imputat u l-Qorti ma riskontrat xejn li jista' jagħti x'jifhem li l-imputat, meta ħebb għal Francois Iannone, imbottah u tah daqqiet allegatament b'arma ppuntata, kien qed jiddefendi ruħu minn xi aggressjoni inġusta da parti tal-istess vittma.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli li wettaq offiża gravi fuq il-persuna ta' Francois Iannone. Mill-kumpless tal-provi huwa evidenti li l-imputat ried iweġġa' lil Francois Iannone – dan huwa deżumibbli mill-komportament tiegħu matul il-ħin kollu li kien fil-ġelaterija u l-fatt li reġa' mar fuq il-post wara li ġie mkeċċi armat b'sikkina u mar iħebb minnufih għall-vittma: kif sewwa ġie sottomess mill-Prosekuzzjoni, l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara huwa biżżejjed biex jirradika l-element formali meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija tar-reat ta' offiża volontarja.

Illi huwa ppruvat illi Francois Iannone, b'riżultat tal-aggressjoni tal-imputat, ġarrab offiża ta' natura gravi skont kif maħsub fl-artikolu 216(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, għaliex ġiet magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġabet l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218. Dan ġie stabbilit minn Dr. Mario Scerri, l-espert mediko-legali li, wara li eżamina lil Francois Iannone u n-noti kliniċi b'rabta mal-ammissjoni tiegħu fl-Isptar Mater Dei fit-28 ta' Frar 2024, stabbilixxa illi l-vittma ġarrab perforazzjoni tal-kavita' abdominali (*abdominal cavity*) fil-*left upper quadrant* taż-żaqq, liema kavita' hija waħda mill-

erba' kavitajiet tal-ġisem[6]. L-espert ikkonferma wkoll illi għalkemm kien hemm penetrazzjoni tal-*abdominal cavity,* ma kienx hemm penetrazzjoni tal-imsaren jew ta' xi organu ieħor taż-żaqq. Ma jirriżultax illi l-offiżi li ġarrab Francois Iannone jirrientraw fid-definizzjoni tal-offiża gravi kif maħsub fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali għaliex fir-relazzjoni tal-espert mediko-legali ġie stabbilit li l-kundizzjoni tal-vittma baqgħet stabbli tant li l-pazzjent kien ġie liċenzjat mill-Isptar mingħajr komplikazzjonijiet, u għalhekk, huwa eskluż li l-offiżi kkaġunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem skont kif maħsub fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imputat ukoll taħt l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' illi kkaġuna lil Francois Iannone offiżi ta' natura gravi kif maħsub fl-artikolu 216 tal-Kodiċi, liema offiżi ġew magħmula bi strument li jaqta'.

Kif ingħad qabel, il-provi jistabbilixxu inkonfutabbilment li meta l-imputat reġa' mar lura fl-istabbiliment, huwa kien armat bi strument żgħir tal-metall li kien qed iżommu f'idu, liema strument ġie nnotat mill-vittma nnifsu meta mar biex jikkonfronta lill-imputat wara li kien ħebb għalih. Il-fatt li l-offiżi li ġarrab Francois Iannone ġew ikkaġunati minn strument li jaqta' u bil-ponta ġie affermat ulterjorment (i) mill-espert mediko-legali li fir-relazzjoni tiegħu ikkostatat li l-ferita li pperforat il-kavita' abdominali ġiet magħmula minn strument li jaqta' u bil-ponta u wkoll (ii) minn Dr. Olena Katric li minn CT scan li sar fuq Francois Iannone fit-28 ta' Frar 2024 ikkostatat li l-pazzjent ġarrab żewġ "*stab wounds*".

Għaldaqstant, huwa ppruvat illi l-offiżi kkaġunati lil Francois Iannone huma offiżi ta' natura gravi a tenur tal-artikolu 216(1)(ċ) ikkaġunat minn strument li jaqta' u bil-ponta kif maħsub fl-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa immaterjali li l-istrument li ntuża mill-imputat biex jikkaġuna l-offiżi, ma jidhirx li nstab fil-pussess tal-imputat

[6] Ġarrab ukoll frattura tat-tmien kustilja tax-xellug li kkaġunat ukoll intraperitoneal haematoma.

fit-tfittxija li saritlu fir-residenza tiegħu u huwa immaterjali wkoll li ma ġiex esebit bħala prova fl-atti, għaliex fil-fehma tal-Qorti huwa biżżejjed biex tiġi riskontrata ħtija għad-delitt taħt l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali, il-prova li l-imputat kellu strument li jaqta' f'idu meta wettaq id-delitt u l-prova li l-feriti li kkaġuna fil-vittma ġew magħmula bi strument li jaqta', mingħajr il-ħtieġa li l-*corpus delicti* jinġieb ukoll fiżikament bħala prova proċesswali. Kif taraha l-Qorti, l-unika konsegwenza, fiċ-ċirkostanzi, tan-nuqqas tal-prova materjali tal-arma li ntużat għat-twettiq tad-delitt, huwa l-impossibbilita' li din tiġi konfiskata bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi.

Ikkunsidrat;

Illi madankollu l-Qorti ma tqisx li huwa ppruvat kif imiss li l-imputat jista' jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 6 tal-Att dwar l-Armi.

L-artikolu 6 tal-Kap, 480 jiddisponi illi ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju. Huwa minnufih evidenti li għalkemm wieħed mill-elementi materjali essenzjali tar-reat huwa l-ġarr tal-arma fil-pubbliku mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova li l-imputat ma kellux liċenza bħal dik.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie akkużat ukoll bir-reati kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(d) u (e) tal-Kodiċi Kriminali.

Fir-raba' imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni, l-imputat ġie mixli li ħebb għal Francois Iannone u Simone Lo Giudice sabiex jinġurajhom, idejjaqhom jew jagħmel ħsara. Safejn din l-imputazzjoni tikkonċerna lil Francois Iannone, l-imputat għandu jinsab ħati għaliex

għalkemm huwa minnu li r-reat taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali huwa eskluż jekk l-istess fatt li jkun ta lok għar-reat ikun jikkostitwixxi reat ieħor taħt il-Kodiċi, huwa stabbilit mill-provi li l-imputat, addirittura qabel ikkommetta d-delitt taħt l-artikolu 216 u 217 tal-Kodiċi Kriminali meta kkaġuna lil Francois Iannone offiżi ta' natura gravi bid-daqqiet tas-sikkina, kien diġa' ħebb għalih u waqqgħu fl-art. Għalhekk, filwaqt li huwa ppruvat li l-imputat ħebb għal Francois Iannone biex jagħmillu ħsara, ma jirriżultax illi l-istess fatt ta lok għal reat ieħor taħt il-Kodiċi Kriminali.

In kwantu Simone Lo Giudice, il-Qorti tosserva illi meta xehed quddiemha ix-xhud imkien ma allega li l-imputat kien ħebb għalih, u fir-rigward ma kienx ikkonferma l-verżjoni li kien irrilaxxa lill-Pulizija wara l-inċident fit-28 ta' Frar 2024, fejn l-istess Simone Lo Giudice kien stqarr li l-imputat kien ipprova jħebb għaliex darbtejn b'sikkina meta kien ra nieżel fit-triq lejn il-ġelaterija.

Fit-tielet imputazzjoni, dwar ir-reat taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, l-imputat ġie mixli li għamel inġurji kew theddid iżda ma ġiex akkużat li inġurja jew hedded lil xi ħadd in partikolari u għalhekk mhux magħruf min huwa l-allegat vittma ta' dan ir-reat kontravvenzjonali. Anke jekk għal mument il-Qorti kellha tispekola li l-allegat vittma huwa Francois Iannone, mill-provi u senjatament mix-xhieda tal-istess Francois Iannone ma jirriżultax li għajr għall-fatt illi l-imputat tah daqqiet bis-sikkina meta kienu qed jiġġieldu, huwa kien ġie mhedded mill-imputat. Huwa minnu li l-imputat kien qed idejjaq lil Francois Iannone u kien ħebb għalih ukoll fiżikament, iżda l-element tat-theddid ma jirriżultax b'mod konkret mill-provi. Iktar minn hekk, Francois Iannone f'ebda waqt ma xehed li ħassu inġurjat b'xi kliem jew ġesti li li l-imputat seta' indirizza fil-konfront tiegħu u fuq kollox, ma jirriżultax li l-imputat kien indirizza l-kliem "*merda*" u "*cornuti*" fil-konfront ta' Francois Iannone b'mod speċifiku, iżda fil-konfront ta' persuni ta' nazzjonalita' Taljana b'mod ġenerali.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali netta tal-imputat iżda fl-istess waqt ma tistax twarrab l-egħmil aggressiv u vjolenti tiegħu, anke jekk dan kien ixprunat minn stat ta' sokor. Il-Qorti fehmet illi l-imputat, wara li kien ġie mkeċċi mill-istabbiliment fejn kien qed iqanqal l-inkwiet billi jaqbad mal-klienti u jħebb għall-vittma, mar iġib strument li jaqta' biex iħebb bih kontra persuna oħra, mhux biss mingħajr ma kien ipprovokat u mingħajr ebda ġustifikazzjoni li jirriżulta mill-atti u l-provi proċesswali, iżda bil-ħsieb speċifiku li jweġġgħu. Aġir perikoluż u bla sens bħal dan, li fiż-żminijiet riċenti qed jiġi riskontrat wisq ta' sikwit, ma għandu ebda post fis-soċjeta' ċivilizzata u ma għandux ikun ittollerat iżda għandu jiġi kastigat severament għaliex fl-aħħar mill-aħħar huwa d-dmir tal-Qorti li tapplika piena li sservi bħala deterrent u kwindi wkoll għall-protezzjoni tas-soċjeta' minn persuni vjolenti. Tabilħaqq l-imputat għandu fedina penali netta, iżda l-Qorti tosserva illi huwa ma wera nuqqas assolut ta' rimors għal egħmilu, egħmil li kkaġuna offiżi li setgħu kelhom l-effett li jipperikolaw il-ħajja jew is-saħħa tal-vittma u li l-Qorti ma tistax ma tqis negattivament meta tiġi biex tiddetermina x-xorta ta' piena li tkun xieraq li tinfliġġi f'dan il-każ.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilliberah mit-tielet imputazzjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216(1)(ċ), 217 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil HYSEN CADRA ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet[7] u tikkundannah sentejn priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Francois Iannone, għal żmien tliet (3) snin liema Ordni għandha tidħol fis-seħħ wara li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

[7] In kwantu r-raba' imputazzjoni, qed jinstab ħati biss safejn ir-reat ġie mwettaq fil-konfront ta' Francois Iannone u mhux ukoll fil-konfront ta' Simone Lo Giudice.

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma komplessiva ta' tliet mija u tlettax-il-Euro u għoxrin ċenteżmu (€313.20) rappreżentanti l-ispejjeż imħallsin lill-esperti u periti maħturin fil-proċeduri u fil-proces-verbal tal-inkjesta[8].**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-ordni taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[8] Dr. Mario Scerri – relazzjoni Dok. MS1.